Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2192

16.10.2023

# DEĊIŻJONI (UE) 2023/2192 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-4 ta' Ottubru 2023**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lir-Rumanija u lill-Italja fir-rigward ta' diżastri naturali fl-2022 u lit-Turkija b'rabta mat-terremoti fi Frar 2023**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ([2]), u b'mod partikolari l-punt 10 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex tintwera solidarjetà mal-popolazzjonijiet tar-reġjuni milquta minn diżastri naturali reġjonali jew minn emerġenza maġġuri tas-saħħa pubblika.

(2) Il-Fond ma għandux jaqbeż il-limiti massimi kif stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 ([3]).

(3) Fis-6 ta' Settembru 2022, ir-Rumanija ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara n-nixfa fis-sajf tal-2022.

(4) Fit-8 ta' Diċembru 2022, l-Italja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara l-għargħar fir-Reġjun tal-Marche f'Settembru 2022.

(5) Fl-20 ta' April 2023, it-Turkija ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara t-terremoti fi Frar 2023.

(6) L-applikazzjonijiet imsemmija hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.

(7) Il-Fond għandu għalhekk jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lir-Rumanija, l-Italja u t-Turkija.

(8) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed biex jiġi mobilizzat il-Fond, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

([1]) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.
([2]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2023, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jkun mobilizzat kif ġej f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament b'rabta mad-diżastri naturali:

(a) l-ammont ta' EUR 33 895 935 għandu jiġi pprovdut lir-Rumanija fir-rigward tan-nixfa fis-sajf tal-2022;

(b) l-ammont ta' EUR 20 939 095 għandu jiġi pprovdut lill-Italja fir-rigward tal-għargħar fir-Reġjun tal-Marche f'Settembru 2022;

(c) l-ammont ta' EUR 400 000 000 għandu jiġi pprovdut lit-Turkija fir-rigward tat-terremoti fi Frar 2023.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-4 ta' Ottubru 2023.

Magħmul fi Strasbourg, l-4 ta' Ottubru 2023.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
R. METSOLA

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
P. NAVARRO RÍOS